MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 880/2003

**Mobisle Communciations Limited**

**vs**

**Steve Grillo**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' April, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u disghin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm290.91) rappresentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta attrici skond Client Contract Number 6265 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta attrici u dana fix-xhur bejn Mejju 2002 u Settembru 2002.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar 2003, dawk tal-mandat ta' sekwestruipprezentat

kontestwalment ma'l-avviz u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.
Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u disghin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm290.91), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar 2003 u dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma'l-avviz ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------